



emcdda.europa.eu

Objettiv Droga

ISSN 1725 – 8537

Ġabra fil-qosor taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

Tnaqqis fid-domanda għad-drogi: evidenza globali għal azzjonijiet lokali

L-iżvilupp ta' interventi ta' tnaqqis tad-domanda bbażata fuq l-evidenza huwa għan ewlieni tal-politika dwar id-droga fil-livell nazzjonali, Ewropew (UE) u globali. Jintuża diskors partikolari, b'sett ta' kunċetti tiegħu stess, sabiex tkun diskussa

l-implimentazzjoni ta' dan l-għan, inklużi termini bħal: l-aħjar prattika, standards ta' kwalità, linji gwida, protokoll, sistemi ta' akkreditazzjoni u valutazzjoni komparattiva. Dan id-dokument jipprova lill-qarrejja b' definizzjonijiet sempliċi tat-termini użati, filwaqt li

jenfasizza l-kisbiet u l-isfidi attwali fit-tibdil tal-għarfien xjentifiku fil-prattika fl-arena tat-tnaqqis tad-domanda għad-droga. Tingħata attenzjoni speċjali lill-"aħjar prattika" minħabba ż-żieda fil-popolarità u l-importanza ta' dan il-kunċett fl-Ewropa.

Ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet ewlenin

1. Il-promozzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattika hija rikonossuta bħala strateġija importanti kemm biex tittejjeb l-effettività ta' interventi relatati mad-drogi kif ukoll biex ikun żgurat l-użu effiċjenti ta' riżorsi limitati.
2. Il-linji gwida u l-istandards huma fost l-għodod l-aktar użati fil-promozzjoni tal-aħjar prattika. Fl-Ewropa, issa teżisti minjiera ta' linji gwida li daww li jieħdu d-deċiżjonijiet jistgħu jużaw, jaġġornaw u jadattaw skont il-kuntesti nazzjonali tagħhom, minflok jibdeu mill-bidu nett.
3. Hemm volum dejjem jikber ta' evidenza xjentifika dwar l-effettività tal-interventi fil-qasam tad-drogi, li tista' tintuża għall-iżvilupp u l-aġġornament ta' standards u linji gwida. Hemm enfasi ġdida fuq id-diżinvestiment, li jwaqqaf il-"prattika fqira" u l-użu ta' interventi bi kwalità baxxa.
4. Fuq il-livell Ewropew, dal-aħħar kien hemm bil-għan li jipromwovi l-kunsens dwar standards minimi ta' kwalità fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kura u tnaqqis tal-ħsara tad-drogi kif ukoll it-tibdil tal-istandards ta' kwalità fil-prattika.
5. Ħarġu dixxiplini ġodda li jiffukaw fuq metodi ta' trasferiment b'suċċess, bħax-xjenza tal-implimentazzjoni, ix-xjenza traspożizzjonali, u l-mobilizzazzjoni tal-għarfien. L-identifikazzjoni tal-ostakoli għall-bidla u l-użu ta' diversi strateġiji ta' implimentazzjoni huma fatturi importanti għas-suċċess.
6. Fil-qasam tal-aħjar prattika, għad fadal ħafna lakuni fil-bażi tal-evidenza xjentifika u qegħdin jinqalgħu b'mod kontinwu kwistjonijiet ġodda li jenħtieġ jiġu ttrattati. Analiżi sistematika ta' dawn il-lakuni tgħin biex il-passi li jmiss u l-iżviluppi ġejjiena jkunu aktar iffukati.

Definizzjonijiet

L-aħjar prattika: l-aqwa applikazzjoni tal-evidenza disponibbli għall-attivitajiet kurrenti.

Imsejja fuq l-evidenza: kunċett meħud mill-qasam mediku, definit bħala "l-użu kuxjenzjuż, espliċitu u għaqli tal-aqwa evidenza attwali fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kura ta' pazjenti individwali" (Sackett, 1996). Meta dan jiġi applikat għat-tnaqqis fid-domanda għad-droga, dan jirreferi għall-użu ta' riżultati xjentifiċi li jinfurmaw id-deċiżjonijiet ta' intervent.

Linji gwida: "dikjarazzjonijiet li jinkludu rakkomandazzjonijiet maħsuba biex itejbu kemm jista' jkun il-kura tal-pazjenti li huma infurmati minn revizzjoni sistematika tal-evidenza u valutazzjoni tal-benefiċċji u tal-ħsara ta' għażliet alternattivi ta' kura" (L-Istitut tal-Mediċina, 2011).

Protokoll: dokumenti li jispjefikaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fit-twettiq ta' ċerti kompiti.

Standards u standards ta' kwalità: prinċipji u settijiet ta' regoli bbażati fuq l-evidenza (Brunsson u Jacobsson, 2000), użati fil-implimentazzjoni tal-interventi rakkomandati fil-linji gwida. Jistgħu jirreferu għal kwistjonijiet ta' kontenut, proċessi, jew għal aspetti strutturali.

Akkreditazzjoni: il-proċess li permezz tiegħu l-istituzzjoni li tkun qiegħda tagħti servizz tiġi vvalutata b'mod indipendenti għall-kwalità skont kriterji u standards definiti minn qabel, li jkunu stabbiliti mill-korp ta' akkreditazzjoni.

Valutazzjoni komparattiva: il-proċess ta' tqabbil tal-proċessi u tal-prestazzjoni ta' servizzi mal-aħjar prattika minn servizzi oħrajn. L-aspetti li normalment jitkejjlu huma l-kwalità, il-ħin u l-ispejjeż.

1. Nifhmu x'inhi l-aħjar prattika

Dan l-aħjar ġiet żviluppata definizzjoni tal-kunċett tal-"aħjar prattika" minn grupp ta' esperti Ewropej imlaqqa' mill-EMCDDA. Fil-qosor, l-aħjar prattika hija l-aħjar applikazzjoni tal-evidenza disponibbli għall-attivitatijiet kurrenti fil-qasam tad-drogi. Ġew identifikati għadd ta' fatturi li jwasslu biex intervent jiġi kkwalifikat bħala l-"aħjar prattika". Fil-qosor, intervent tal-aħjar prattika jkun ibbażat fuq l-aktar evidenza xjentifika robusta disponibbli dwar dak li hu magħruf u effettiv fil-produzzjoni ta' eżiti ta' suċċess, u li jkun imfassal fuq il-ħtiġijiet ta' dawk li jkunu fil-mira tiegħu. Il-metodi li jintużaw ikunu trasparenti, affidabbli u trasferibbli u jistgħu jiġu aġġornati mal-iżvilupp tal-bażi tal-għarfien. Rigward l-implimentazzjoni, ser jitqiesu fatturi kurrenti lokali u l-intervent ikun armonizzat ma' azzjonijiet oħrajn bħala parti minn approċċ komprensiv għall-problemi tad-droga.

L-aħjar prattika hija marbuta mill-qrib mal-kunċett ta' "prattika msejsa fuq l-evidenza" – l-użu kuxjenzjuż, espliċitu u għaqli tal-aqwa evidenza attwali fit-teħid tad-deċiżjonijiet (Sacket et al., 1996), u din teħtieġ l-integrazzjoni attenta kemm tal-għarfien xjentifiku kif ukoll tal-esperjenza fl-implimentazzjoni biex l-intervent ikun adattat kif xieraq għall-individwu u/jew għal kurrenti speċifiku. Intervent tal-aħjar prattika għandu jipprovdi eżiti aqwa minn intervent oħrajn u għalhekk għandu jippermetti wkoll allokkazzjoni razzjonali tar-riżorsi.

2. Linji gwida u standards: strumenti popolari għall-promozzjoni tal-aħjar prattika

L-aktar strateġija komuni fl-Ewropa għall-promozzjoni tal-aħjar prattika hija l-iżvilupp ta' linji gwida u standards. Sal-2011, ġew identifikati aktar minn 143 sett ta' linji gwida dwar il-kura fil-qasam tad-drogi fir-reġjun, bosta minnhom fil-qasam tal-kura ta'

sostituzzjoni tal-opjojdi. F'ħafna każi, il-proċess ta' fassil ta' linji gwida jew standards ġodda issa jiddependi mill-użu ta' eżempji nazzjonali eżistenti (sakemm ikunu bbażati fuq l-evidenza) u l-adattament tagħhom għall-kuntest lokali, biex b'hekk jiġu ffrankati r-riżorsi. Tista' tara inventarju ta' linji gwida u standards nazzjonali fil-kura, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara fuq il-Portal tal-aħjar prattika tal-EMCDDA f'dan l-indirizz: <http://www.emcdda.europa.eu/best-practice>.

Għad fadal sfidi assoċjati mal-promozzjoni tal-aħjar prattika permezz ta' linji gwida, standards u għodod oħrajn simili. L-ewwel waħda hija li jiġi żgurat li jkunu bbażati fuq evidenza xjentifika affidabbli u li jkunu aġġornati b'mod regolari meta jiġu ppubblikati analiżijiet sistematiċi ġodda. It-tieni hija li jsir l-aħjar użu tal-linji gwida eżistenti kurrenti fl-Ewropa. Fl-aħjar nett, importanti li jkun żgurat li l-linji gwida u l-istandards ikunu implimentati kif xieraq.

3. L-aċċess u l-użu ta' evidenza xjentifika

F'dawn l-aħjar ħamsin sena l-għadd ta' studji dwar l-effettività ta' intervent relatati mad-drogi mmultiplikaw u ħolqu ħtieġa ta' sinthezi ta' kwalità għolja. Fl-aħjar tas-snin disġhin inħoloq grupp editorjali dwar id-drogi u l-alkoħol fil-Kollaborazzjoni Cochrane (organizzazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' profit li ttejjgi, iżżomm u tippromwovi l-aċċessibbiltà ta' analiżijiet sistematiċi tal-effetti tal-kura tas-saħħa). Dan il-Grupp Cochrane dwar id-Drogi u l-Alkoħol għandu l-għan li jipproduċi u jxandar analiżijiet sistematiċi ta' provi dwar il-prevenzjoni, il-kura u r-rijabilitazzjoni tal-użu problematiku tad-drogi u l-alkoħol. Sal-lum il-grupp jikkollabora mal-Portal tal-aħjar prattika tal-EMCDDA biex jissintetizza l-evidenza disponibbli dwar l-interventi.

Il-klima finanzjarja attwali teħtieġ li dawk kollha li jteħdu d-deċiżjonijiet

"L-interventi kollha għandhom intenzjoni tajba iżda mhux l-interventi kollha huma effettivi indaqs. Illum aktar minn qatt qabel, jenħtieġ li nkunu żguri li ninvestu f'dak li jaħdem u li nieqfu ninvestu f'dak li ma jaħdimx. Biex niksbu dan, neħtieġu mhux biss fehim komuni tal-bażi tal-evidenza għall-effettività iżda wkoll linji gwida li jinfurmaw it-twassil ta' servizzi lokali bi kwalità għolja."

**Wolfgang Götz,
Direttur tal-EMCDDA**

isibu mezzi kif jikkontrollaw l-ispejjeż mingħajr ma jnaqqsu l-kwalità tal-kura. Minbarra li tintuża għall-identifikazzjoni ta' intervent effettivi, il-bażi tal-evidenza xjentifika qiegħda tkun dejjem aktar ikkwotata fit-tnaqqis jew fil-waqfien tal-użu ta' approċċi u servizzi ta' kwalità fqira. L-Istitut Nazzjonali għall-Eċċellenza Klinika (National Institute for Clinical Excellence - NICE) fir-Renju Unit implimenta dik li tissejjaħ proċessi ta' "diżinvestiment" biex iwaqqaf il-finanzjament ta' intervent kliniċi ta' "valur baxx" – pereżempju, minħabba l-fatt li ma jkunux klinikament effettivi, ikollhom profil fqir ta' benefiċċju-riskju, jew ma jkunux appoġġjati minn evidenza adegwata. Dan jinvolti l-irtirar ta' riżorsi tas-saħħa minn prattiki tal-kura tas-saħħa eżistenti li jitqies li benefiċċju għas-saħħa jkollhom ftit li xejn apparagun mal-ispejjeż li jirrikjedu, u għalhekk ma jirrappreżentawx użu effiċjenti ta' riżorsi.

4. Nitgħallmu minn xulxin – standards ta' kwalità minimi għall-Ewropa

Għalkemm kull pajjiż Ewropew żviluppa l-istrateġija u r-rispons tiegħu għall-problemi tad-droga, skont id-daqs tal-problema tad-droga u r-riżorsi disponibbli tiegħu, hemm benefiċċju ċar fil-qsim tal-esperjenzi u t-tagħlim ma' pajjiżi oħra, li jgħin fl-iżvilupp ta'

titjib ta' kwalità u riċerka dwar l-effettività. Jenħtieġ li l-istandards ta' kwalità minimi fuq il-livell Ewropew iżidu l-valur ta' dak li diġà jeżisti fl-Istati Membri individwali u li jqisu bis-sħiħ is-sistemi tas-saħħa u l-kapaċitajiet differenti fil-pajjiżi.

Proġett reċenti ffinanzjat mill-UE kien qed jżviluppa Standards Ewropej Minimi ta' Kwalità (European Minimum Quality Standards - EQUS) għall-prevenzjoni, il-kura u t-tnaqqis tal-ħsara tad-drogi, billi laqqa' esperti u partijiet interessati mill-Ewropa u minn barra l-Ewropa, sabiex jipproponi listi ta' standards minimi bbażati fuq l-evidenza u l-kunsens. Ġew adattati standards Ewropej ta' kwalità dwar il-prevenzjoni tad-droga sabiex jiffurmaw il-fergħa ta' prevenzjoni tal-istudju. Dawn ġew ippubblikati f'Diċembru 2011 mill-EMCDDA fis-sensjela *Manuals* (Manwali) tagħha u jistgħu jiġu mniżżla jew ordnati bla ħlas mis-sit elettroniku tal-EMCDDA fuq <http://www.emcdda.europa.eu/publications/manuals/prevention-standards>. Ir-riżultati tal-istudju tal-EQUS ser ikunu żviluppati aktar mill-Kummissjoni Ewropea sabiex din tnejji abbozz ta' proposta li għandu jtrassaq lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

5. L-implimentazzjoni tal-evidenza permezz ta' linji gwida, standards u għodod oħra


Il-bdil b'suċċess tal-evidenza fil-prattika permezz ta' linji gwida u standards jeħtieġ kemm ippjanar kif ukoll approċċ proattiv. Intużaw firxa wiesgħa ta' attivitajiet sabiex l-evidenza tinbidel f'azzjoni, u nħolqu bosta dixxiplini xjentifiċi ġodda li jitrattaw b'mod dirett dan is-suġġett, pereżempju: ix-xjenza traspożizzjonali, it-traduzzjoni tal-għarfien, u l-mobilizzazzjoni tal-għarfien. Għal ħafna minn dawn l-approċċi, ir-relazzjoni bejn l-evidenza xjentifika u l-kunsens tal-esperti huwa essenzjali għall-proċess ta' implimentazzjoni. Biex l-implimentazzjoni tkun suċċess, il-kunsens tal-esperti huwa kruċjali għall-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet rilevanti, għall-adattament tar-rakkomandazzjonijiet għall-kuntest lokali, u sabiex ikun żgurat li l-interventi jkunu strutturati kif xieraq u mfasla skont il-grupp fil-mira. Għalkemm l-approċċi nazzjonali jistgħu jvarjaw minn xulxin, l-identifikazzjoni ta' dawk li jissejju "ostakoli għall-bidla" fil-grupp fil-mira, u azzjonijiet li jnaqqsu dawn l-ostakoli, jistgħu jtejbju l-adozzjoni ta' interventi ġodda. Barra dan l-użu ta' inċentivi bħal

taħriġ, akkreditazzjoni jew ċertifikazzjoni, jista' jappoġġja l-implimentazzjoni b'suċċess ta' standards ta' kwalità fit-tnaqqis fid-domanda għad-droga.

6. Il-passi li jmiss: l-identifikazzjoni ta' lakuni u l-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ġodda

L-iżviluppi fir-riċerka marbuta mad-droga u fi Prattiki bbażati fuq l-evidenza ħolqu strumenti ġodda li jżidu l-effettività tar-rispons Ewropew għall-problemi tad-droga. Madankollu dan il-proċess żvela wkoll lakuni sinifikanti fl-għarfien xjentifiku disponibbli, u jidher ċar li l-linji gwida u l-istandards mhux dejjem ġew żviluppati b'mod xieraq biex jipromwovu l-aħjar Prattika. Barra dan, bidliet fis-sitwazzjoni tad-droga, pereżempju rigward koorti ta' anzjani li jużaw l-opjoidi jew l-użu ta' sustanzi ġodda, issa jistgħu jeħtieġu riċerka u gwida ulterjuri. L-EMCDDA u s-sħab tiegħu huma impenjati li jwettqu analiżi tal-lakuni fil-qasam tal-aħjar Prattika, u li jappoġġjaw b'mod attiv l-irbit tal-għarfien globali mal-Prattiki lokali fl-Ewropa, permezz ta' tixrid proattiv tal-evidenza, l-appoġġ fl-adattament tal-linji gwida, jew it-trawwim ta' valutazzjoni tal-impatt u l-iskambju ta' esperjenzi.

Il-qafas għat-traduzzjoni tal-għarfien



Objettiv Droga hija serje ta' rapporti politiċi ppubblikati miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), li għandu s-sede tiegħu f'Liżbona. Dawn ir-rapporti huma ppubblikati regolarment, fi t-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, bin-Norveġiż u t-Tork. Il-lingwa oriġinali hija l-Ingliż. Il-kontenut tagħhom jista' jiġi riprodott sakemm is-sors jingħata rikonnoxximent.

Għal abbonamenti mingħajr ħlas, ikkuntattjawna permezz tal-email: publications@emcdda.europa.eu

Cais do Sodré, 1249-289 Liżbona, il-Portugall
Tel. +351 211210200 • Faks +351 218131711
info@emcdda.europa.eu • www.emcdda.europa.eu

Konklużjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-politika

1. F'dawn l-aħħar għoxrin sena, l-Ewropa rat interess akbar fl-iżvilupp u l-promozzjoni tal-aħjar prattika. Jintużaw diversi għodod għall-promozzjoni ta' prattiki bbażati fuq l-evidenza fl-interventi tad-domanda għad-drogi, bħal linji gwida u standards ta' kwalità. Fil-livell nazzjonali, it-tixrid u l-adattament ta' linji gwida bbażati fuq l-evidenza diġà eżistenti, aktar milli l-iżvilupp ta' linji gwidi ġodda, qegħdin juru li huma soluzzjoni kost-effettiva li tgħin fl-iżgurar tal-kwalità. Fil-livell Ewropew dan l-aħħar ġie stabbilit proċess li jippromwovi l-kunsens dwar standards ta' kwalità minimi komuni.
2. Fil-futur jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċessi li jiżguraw li l-linji gwida u l-istandards eżistenti jkunu aġġornati regolarment meta tiġi żvelata evidenza ġdida. Barra dan, il-promozzjoni kontinwa u t-tixrid ta' linji gwida u standards fost il-professjonisti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet
- hija kwistjoni ewlenija. Minkejja żidiet reċenti fid-disponibbiltà tal-evidenza xjentifika dwar l-effettività (u n-nuqqas ta' effettività) tal-interventi relatati mad-droga, għad fadal xi lakuni u jenħtieġ issir riċerka li timla dawn il-lakuni. Tkun milqugħa b'sodisfazzjoni kbir aġenda Ewropea ta' riċerka li tagħti prijorità lil kwistjonijiet marbuta mal-effettività tal-interventi u mat-titjib tar-rabta bejn ir-riċerka u l-prattika.
3. L-EMCDDA, bl-esperjenza tiegħu fil-monitoraġġ u t-tixrid tal-aħjar prattika, ser ikompli jippromwovi u jappoġġja t-titjib tal-kwalità fil-qasam Ewropew tad-drogi. It-tixrid proattiv tal-evidenza, l-igwidar fl-adattament tal-linji gwida, l-appoġġ fl-istabbiliment ta' miri u fil-valutazzjoni tal-impatt u t-trawwim tal-iskambju ta' esperjenzi huma xi wħud mill-attivitajiet li ser inkomplu nipprovdvu lill-partijiet interessati.

Sorsi ewlenin

- Amato, L., Davoli, M., Vecchi, S. et al (2011), "Cochrane systematic reviews in the field of addiction: What's there and what should be", *Drug and Alcohol Dependence*, Volum 113 (Edizzjonijiet 2-3), pp. 96-103.
- Brunsson, N. u Jacobsson, B. A. (2000), *A world of standards*, Oxford University Press, New York.
- Costa Storti, C., De Grauwe, P. u Reuter, P. (2011), Costa Storti, C., De Grauwe, P. u Reuter, P. (2011), "Economic recession, drug use and public health", *International Journal of Drug Policy*, Volum 22, Edizzjoni 6, pp. 321-325.
- Grimshaw, J. M., Thomas, R. E., MacLennan, G. et al. (2004), "Effectiveness and efficiency of guideline dissemination and implementation strategies", *Health Technology Assessment* 8(6), pp. iii-72.
- Guyatt, G. H., Oxman, A. D., Vist, G. E. et al. (2008), "GRADE: an emerging consensus on rating quality of evidence and strength of recommendations", *British Medical Journal* 336 (7650), pp. 924-6.
- Institute of Medicine (2011), "Clinical practice guidelines we can trust", The National Academies Press, Washington DC.
- Moja, P. L., Castelli, B., McCauley, L., Grilli, R. u Auxilia, F. (2005), "Cochrane EPOC group: closing the gap between quality assurance and organisation of care research and front line professionals" (test oriġinali bit-Taljan), *Annali di Igiene: Medicina Preventiva e di Comunità* 17(6), pp. 585-90.
- National Institute for Clinical Excellence (2011), *NICE 'do not do' recommendations*, disponibbli fuq: <http://www.nice.org.uk/usingguidance/donotdorecommendations/index.jsp>
- OECD (2011), "Economic Policy Reforms Going for Growth", publikazzjoni tal-OECD, disponibbli fuq: <http://dx.doi.org/10.1787/growth-2011-en>
- Sackett, D. L., Rosenberg, W. M., Gray, J. A., Haynes, R. B. (1996), "Evidence-based medicine: what it is and what it isn't", *British Medical Journal*, 312 (7023), pp. 452-4.
- Straus, S., Tetroe, J. and Graham, I. D. (editors) (2009), *Knowledge Translation in Health Care: Moving from Evidence to Practice*, Wiley Blackwell, Oxford.
- The ADAPTE Collaboration (2011), "The ADAPTE Process: Resource Toolkit for Guidelines Adaptation", (Verżjoni 2.0) disponibbli fuq: <http://www.g-i-n.net>
- Wensing, M., Bosch, M. u Grol, R. (2010), "Developing and selecting interventions for translating knowledge to action", *Canadian Medical Association Journal* 182(2), pp. E85-E88.

Informazzjoni fuq l-internet

Il-Portal tal-aħjar prattika tal-EMCDDA
<http://www.emcdda.europa.eu/best-practice>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

PUBBLIKATUR UFFIĊJALI: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
© Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2012
DIRETTUR: Wolfgang Götz
AWTURI: Marica Ferri, Alessandra Bo
EDITRIĊI: Marie-Christine Ashby
KUNĊETT GRAFIKU: Dutton Merryfield Ltd, Renju Unit
Printed in Luxembourg